

Il-Ħamis 23 ta' Ġunju 2011

**L-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-UE u r-Repubblika tas-Seychelles \*\*\***

P7\_TA(2011)0279

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles (17238/2010 – C7-0031/2011 – 2010/0335(NLE))**

(2012/C 390 E/13)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (17238/2010),
  - wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles (17237/2010),
  - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0031/2011),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 81 u l-Artikolu 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għall-Baġits (A7-0192/2011),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni tgħaddi lill-Parlament il-konklużjonijiet tal-laqgħat u tal-ħidma tal-Kumitat Konġunt provdut fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles (minn hawn 'il quddiem il-“Ftehim ta' Sħubija”), kif ukoll il-programm settorjali plurijennali msemmi fl-Artikolu 3 tal-Protokoll;
  3. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill, matul l-aħħar sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll u qabel jinfetħu n-negozjati għat-tiġdid tal-Ftehim ta' Sħubija, rapport dwar l-applikazzjoni tiegħu;
  4. Jitlob lill-Kummissjoni rapport dwar l-evoluzzjoni tal-piraterija fiż-żona ekonomika esklussiva tas-Seychelles bejn l-2006 u l-2010 u l-effett tagħha fuq l-attività tas-sajd tas-Seychelles u dik Ewropea;
  5. Jitlob li r-rappreżentanti tal-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt provdut fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija bħala osservaturi;
  6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tas-Seychelles.